# MALTA

**ATT Nru. XV ta' l-2006**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar l-infurzar ta' poteri fil-protezzjoni tal-konsumaturi.**

**ACT No. XV of 2006**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend various laws for the enforcement of consumer protection powers.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

8 ta' Awissu, 2006

## ATT Nru. XV ta' l-2006

*ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar l-infurzar ta' poteri fil-protezzjoni tal-konsumaturi.*

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2006 li jemenda l-Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur. Titolu fil-qosor.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jitqiesu li daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru, 2005.

### Taqsima I

**2.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378.

**3.** L-Artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "qorti ordinarja", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament dwar il-ko-operazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-ko-operazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali

responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (test b'rilevanza għaż-ŻEE);"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "servizzi", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat taż-ŻEE" tfisser Stat li huwa parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll li kien iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'Atti sussegwenti;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**4.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) f'paragrafu (d), il-kelma "u" fi tmiem il-paragrafu għandha tiġi imħassra; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e), għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(f) il-qadi u t-twettiq tal-funzjonijiet ta' awtorità kompetenti skond ir-Regolament dwar il-ko-operazzjoni u il-protezzjoni tal-konsumatur; u

(g) il-qadi u t-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-uffiċċju ghal kooperazzjoni unika f'Malta li hu responsabbli għall-koordinazzjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-ko-operazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**5.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1), minnufih wara l-kliem "taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9," għandhom jidħlu l-kliem "jew bi ksur jew nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 44 sa 50 jew tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb" u minnufih wara l-kliem "kontra l-kummerċjant taħt ir-regolament" għandhom jidħlu il-kliem "jew il-provvediment";

(b) minnufih wara subartikolu (1), għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta d-Direttur iqis li jkun hekk adatt, huwa jista' jordna l-pubblikazzjoni ta' dik il-garanzija minn ta' l-inqas

f'żewġ gazzetti ta' kuljum, u l-ispejjeż relattivi għal dan għandhom jitħallsu mill-kummerċjant."; u

(ċ) is-subartikoli (2), (3) u (4) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3), (4) u (5) rispettivament.

**6.** Fil-paragrafu (f), tat-tifsira ta' "produttur" fl-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "barra minn Malta, kull min jimporta ġewwa Malta" għandhom jidħlu l-kliem "barra minn Stat taż-ŻEE, kull minn jimporta ġewwa Stat taż-ŻEE". Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

**7.** L-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali.

"71. Din it-Taqsima għandha tapplika għal prodotti li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni f'xi Stat taż-ŻEE mill-1 ta' Mejju, 2004.".

**8.** Minnufih wara l-artikolu 71 fit-Taqsima VII ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' artikolu 71A ġdid fl-Att prinċipali.

"71A. L-għan ta' din it-Taqsima huwa biex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374 KEE tal-25 ta' Lulju, 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà għal prodotti difettużi, kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Mejju, 1999, u din it-Taqsima għandha tiġi applikata u interpretata skond hekk.".

**9.** L-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 102 ta' l-Att prinċipali.

(a) l-artikolu 102 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (1) ta' l-istess artikolu;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Meta jsir skambju ta' uffiċjali minn awtoritajiet kompetenti skond ir-Regolament dwar il-ko-operazzjoni u il-protezzjoni tal-konsumatur, id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub lil dawn l-uffiċjali biex jaqdu, għalkollox jew biss f'parti, kull funzjoni jew jeżerċitaw xi poter mogħti lilu taħt din it-Taqsima.".

Żjieda ta' l-artikolu 104A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**10.** Minnufih wara l-artikolu 104 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 104A ġdid li gej:

"Assistenza reċiproka ma' awtoritajiet oħra.

104A. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Direttur jista', biex ikun jista' jaqdi l-funzjoni tiegħu bħala awtorità kompetenti taħt ir-Regolament dwar il-ko-operazzjoni u il-protezzjoni tal-konsumatur, jitlob, jirċievi, jikxef u jiskambja informazzjoni fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-assistenza reċiproka ma' awtoritajiet kompetenti oħra skond ir-Regolament dwar il-ko-operazzjoni u il-protezzjoni tal-konsumatur u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

(2) Minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, id-direttur jista' jipproduċi bħala prova quddiem qorti jew tribunal kull informazzjoni, inklużi dokumenti, riżultanzi, stqarrijiet, kopji veri u awtentikati jew tagħrif ieħor li tiġi riċevuta mingħand awtoritajiet kompetenti skond is-subartikolu (1)."

## Taqsima II

Emenda ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232.

**11.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwarl-Avjazzjoni Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**12**. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1), minflok il-kliem "skond dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan l-Att;" u minnufih wara l-imsemmi paragrafu (ċ) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) biex tiġi implementata kull obbligazzjoni tal-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasport bl-ajru u ma' l-avjazzjoni ċivili."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Regolamenti jew ordnijiet magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu, bil-għan li dawn jiġu implimentati u infurzati sew, jipprovdu dwar l-għoti tas-setgħa lid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili li jidħol u jagħmel tfittxija ġewwa kull fond, li jkun jista' jara kull dokument rilevanti f'kull forma li jkun, li jeħtieġ lil kull persuna tipprovdilu kull informazzjoni

rilevanti, li jagħmel spezzjoni fuq il-post, li joħroġ ordni lil persuni biex dawn jieqfu milli jagħmlu xi ħaġa li tikkostitwixxi ksur ta' dan l-Att jew ta' kull regolament jew ordni magħmula taħtu, u li jitolbu mingħand persuni garanzija illi jieqfu milli jkomplu jagħmlu xi ħaġa minn dawk u li jippubblikaw kull garanzija bħal dik u kull deċiżjoni tad-Direttur skond ma dawn ikollhom x'jaqsmu ma' dawk ir-regolamenti jew ordnijiet.".

## Taqsima III

**13.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwar ix-Xandir, hawn izjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kap. 350.

**14.** Minnufih wara l-artikolu 16A ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied artikolu 16B ġdid li ġej:– Żjieda ta' artikolu ġdid 16B ma' l-Att prinċipali.

"Radju diġitali. **16B.** (1) L-Awtorità hija b'dan inkarigata li tilliċenzja l-kontenut fuq is-servizzi tar-radju diġitali.

(2) Il-Prim Ministru jista', bi qbil ma' l-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jagħtu effett aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u jista', bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li intqal qabel, jippreskrivi:–

(a) il-metodu ta' applikazzjoni, magħdudin il-formoli li għandhom jintużaw meta ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xandir;

(b) it-tagħrif ta' xorta teknika jew mod ieħor li għandha tingħata flimkien ma' kull applikazzjoni;

(ċ) il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tinħareġ liċenzja diġitali tax-xandir, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi emendata, mibdula, sospiża jew revokata;

(d) il-kundizzjonijiet li taħthom kull stallazzjoni, apparat jew proprjetà oħra ta' detentur ta' liċenzja ta' radju diġitali tax-xandir, għandhom jiġu stallati, operati, miżmumin, protetti, kontrollati jew b'xi mod salvagwardati u l-projbizzjoni ta' l-użu ta' stallazzjoni, apparat jew tagħmir perikoluż;

(e) kull tariffa ta' prezzijiet, drittijiet u ħlasijiet li jistgħu jew huma meħtieġa li jiġu preskritti minn jew

taħt id-disposizzjonijet magħmulin taħtha u ż-żmien, lok u mod għall-ħlas ta' dawk il-prezzijiet, drittijiet u ħlasijiet u l-mod ta' ġbir u tneħħija tagħhom;

(f) il-perjodu li matulu liċenzja ta' radju diġitali tax-xandir tibqa' valida;

(g) il-kundizzjonijiet li taħthom persuni li jkollhom liċenzja ta' radju diġitali tax-xandir taħt dan l-Att għandhom iħaddmu servizzi tax-xandir;

(h) il-kwalifiki li persuni għandu jkollhom qabel ma jkunu jistgħu jiġu fdati bil-bini, tiswija, tibdil jew kontroll ta' xi apparat jew stallazzjoni li għandu jintuża minn xi kuntrattur jew detentur ta' liċenzja ta' radju diġitali tax-xandir, u x-xorta ta' testsli għandhom isiru sabiex jiġi aċċertat jekk persuni jkollhomx dawk il-kwalifiki;

(i) il-miżuri li għandhom jittieħdu u t-tagħmir li għandu jiġi provvist u użat f'dak li għandu x'jaqsam ma' stallazzjonijiet sabiex jassiguraw is-sigurezza pubblika u s-sigurezza privata;

(j) il-mezzi li għandhom jiġu adottati, sew bi projbizzjoni sew mod ieħor, sabiex jipprevjenu jew inaqqsu xi periklu, ħsara jew għelt li jista' jkun hemm jew li jkun hemm mit-tħaddim ta' xi stallazzjonijiet jew apparat użati minn kuntrattur jew detenturi ta' liċenzji ta' radju diġitali tax-xandir;

kull ħaġ'oħra li tista' tidher lill-Prim Ministru u lill-Awtorità bħala meħtieġa jew spedjenti għall-aħjar twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att sabiex jassigura s-sigurezza tal-pubbliku, jew sabiex jagħtu seħħ lil, u jassigura konformità ma', xi jew kull direttiva jew kodiċi li jistgħu jinħarġu mill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, jew b'mod ġenerali sabiex jassiguraw servizzi ta' radju diġitali xierqa jew il-*monitoring* u sorveljar ta' dawk is-servizzi f'Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**15**. L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (f) tas-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (g); u

(b) minnufih wara l-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) biex tiġi implimentata kull obbligazzjoni tal-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam max-xandir.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (2) jistgħu, bil-għan li dawn jiġu implimentati u infurzati sew, jipprovdu dwar l-għoti tas-setgħa lill-Awtorità tax-Xandir u lil kull uffiċjal u impjegat tagħha li jidħlu u jagħmlu tfittxija ġewwa kull fond, li jkunu jistgħu jaraw kull dokument rilevanti f'kull forma li jkun, li jeħtieġu lil kull persuna tipprovdi kull informazzjoni rilevanti, li jagħmlu spezzjoni fuq il-post, li joħorġu ordni lil persuni biex dawn jieqfu milli jagħmlu xi ħaġa li tikkostitwixxi ksur ta' dan l-Att jew ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu, u li jitolbu mingħand persuni garanzija illi jieqfu milli jkomplu jagħmlu xi ħaġa minn dawk u li jippubblikaw kull garanzija bħal dik u kull deċiżjoni ta' l-Awtorità, ta' l-uffiċjali u l-impjegati tagħha skond ma dawn ikollhom x'jaqsmu ma' dik il-leġislazzjoni sussidjarja.".

## Taqsima IV

**16.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*, Kap. 419.

**17**. Fit-tifsira "Ministru" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "responsabbli għall-industrija" għandhom jidħlu l-kliem "responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*'". Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

## Taqsima V

**18.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Metroloġija u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Metroloġija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Metroloġija, Kap. 454.

**19.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "responsabbli għall-industrija" għandhom jidħlu l-kliem "responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*". Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**20.** Fit-tifsira "Ministru" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "responsabbli għall-industrija" għandhom jidħlu l-kliem "responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar l-*Istandards*".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 426 tas-26 ta' Lulju, 2006.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*